IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu l-forma ta' **diskussjoni** ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li minuta minnhom tkun biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet jew jagħtuhom tagħrif relevanti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu. Il-kandidati jistgħu jiżviluppaw aspetti tat-tema li mhumiex inklużi fin-noti għall-eżaminaturi.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għat-tema jew għas-suġġett

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Bejn eżami u ieħor titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Dix-Xemx Li Tixwina

- X'inhuma l-perikli jekk nesponu ruħna wisq għax-xemx?
- X'inhuma l-ħinijiet li fihom l-esperti jinkoraġġuna biex kemm jista' jkun ma noqogħdux fix-xemx? (11.00 am - 4.00 pm)
- X'nistgħu nagħmlu biex nipproteġu ruħna mix-xemx jekk ikollna noħorġu fis-sigħat li fihom ir-raġġi ultravjola jkunu fl-eqqel tagħhom?
- Min huma l-iktar nies li qed jesponu ruħhom għax-xemx fis-sajf? Hemm dawk li jħobbu l-baħar u jħobbu jixxemmxu, imma hemm ukoll ħafna nies li, minħabba x-xogħol tagħhom, iqattgħu ħafna ħin fix-xemx.
- Tinnutahom il-kampanji ta' prevenzjoni tal-Gvern u ta' kumpaniji privati li jbigħu prodotti li jipproteġu l-ġilda mill-qilla tax-xemx?
- Ngħidu aħna kull sena, fil-bidu tal-istaġun tas-sajf, issir kampanja ta' għarfien dwar il-prevenzjoni tal-melanoma, tip ta' kanċer tal-ġilda li hu perikoluż ħafna. F'din il-kampanja tingħata informazzjoni dwar x'tagħmel biex tilqagħlu dan it-tip ta' kanċer u kif tinduna bih kemm jista' jkun malajr. Taħseb li n-nies saret tagħti kas iktar minn qabel? Jew qed tidra u tinjora dawn il-pariri?
- Taħseb li din il-kuxjenza pjuttost ġdida dwar il-ħsara li tagħmel ix-xemx qed tbiddel id-drawwiet tagħna fis-sajf, kemm bħala familji kif ukoll bħala individwi u gruppi ta' ħbieb?
- Din l-enfasi fuq il-ħsara li tista' tagħmel ix-xemx tista' taffettwa t-turiżmu lejn Malta u lejn il-Mediterran b'mod ġenerali? Jista' jkun li t-turisti min-naħa ta' Fuq tal-Ewropa jibdew jagħżlu li jżuru l-Mediterran fi staġuni inqas esposti għar-raġġi perikolużi tax-xemx?

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# L-Abbuż mill-Pilloli bħala Mediċina

- Kull sena l-Gvern qed iniedi kampanja kontra l-abbuż mill-antibijotiċi. B'mod ġenerali, taħseb li l-Maltin saru jabbużaw mill-pilloli? Taħseb li hawn ħafna Maltin li jibilgħu l-pilloli għal kull ħaġa ta' xejn?
- Għaliex taħseb li hawn ħafna nies li jagħmlu hekk?
- Taħseb li dan it-teħid tal-pilloli, anki meta ma jkunux meħtieġa, għandu x'jaqsam mal-istil ta' ħajja tagħna?
- Taħseb li l-ħuta tinten minn rasha, fis-sens li hawn tobba u psikjatri li jordnawlek mediċina qawwija qisha kienet kafè?
- Ħafna nies mingħalihom li pillola jew mistura tista' tfejjaqhom malajr u għalhekk tħallihom ikomplu jaħdmu u jgħixu ħajjithom mgħaġġla bħas-soltu.
- Taħseb li kura aħjar tkun li torganizza ħajtek mod ieħor, ngħidu aħna billi tnaqqas mir-ritmu tax-xogħol?
- Taħseb li din il-kultura tal-pilloli qed tinbidel għax in-nies saru iktar konxji tal-ħsara li tista' ssir lill-ġisem jekk jabbużaw mill-pilloli?
- Xi jġegħelhom joqogħdu attenti mill-mediċini li jieħdu? L-informazzjoni li jirċievu fuq il-mezzi tax-xandir, fl-iskejjel, mingħand sħabhom, mingħand it-tobba u l-awtoritajiet tas-saħħa?
- Teżisti wkoll kultura opposta fost għadd ta' Maltin, dik li ma jkunu jridu jieħdu ebda pillola jew mistura. Taħseb li hawn min jieħu din l-attitudni negattiva għax ma jafdax lit-tobba? Għax ma jkunx irid imiss ma' prodotti kimiċi, bħalma huma ħafna mediċini, li jħallu l-effetti kollaterali tagħhom?
- Hawn ukoll min, flok kors sħiħ b'mod regolari, jibla' jew iwaqqaf il-pilloli kif tgħidlu rasu, mingħajr l-ordni tat-tabib. Taħseb li dan huwa wkoll abbuż?
- F'Malta, kemm fl-imgħoddi kif ukoll f'dawn l-aħħar snin, hawn għadd ta' nies li jemmnu fil-mediċini alternattivi, mediċini naturali jew omeopatiċi. Taf tgħid xi ħaġa dwarhom? Taf nies li jużaw dan it-tip ta' kura alternattiva?
- Taqbel li l-kura tas-saħħa tagħna trid tkun addattata għal kull wieħed u waħda minna? B'mod speċifiku? Għaliex?

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# Id-Drittijiet tal-Ħabsin

- Il-ħabsin għandhom drittijiet bħal ħaddieħor?
- Għandhom dritt jagħtu opinjoni bħal ċittadini oħrajn?
- Sal-lum, priġunieri li qed jiskontaw sentenza ta' aktar minn sena l-ħabs m'għandhomx dritt jivvutaw. Taqbel ma' dan?
- Hemm min jgħid li l-ħabsin għandhom dritt ikunu involuti fil-proċess demokratiku daqs iċ-ċittadini l-oħrajn għax iridu jagħżlu l-politiċi li se jmexxu l-pajjiż.
- Min-naħa l-oħra, hemm min jgħid li ladarba wettqu atti li bihom warrbu lilhom infushom min-normi tas-soċjetà, m'għandux ikollhom id-dritt jagħżlu kif titmexxa s-soċjetà.
- Taħseb li din li ma jivvutawx hija miżura li l-ħabsin jistgħu jarawha bħala pika tas-soċjetà magħhom, jew bħala kastig li jġegħelhom jirriflettu fuq l-imġiba ħażina tagħhom?
- Amnestija hija meta l-ħabsin jinħafrilhom xi żmien mis-sentenza tagħhom. Taqbel li jingħataw amnestiji li jaffettwaw sentenza mogħtija mill-Qorti? Jekk iva, meta għandha tingħata amnestija? F'liema ċirkostanzi? F'okkażjoni importanti għall-pajjiż kollu?
- Taqbel li amnestija ma tingħatax lil dawk li jkunu qegħdin jiskontaw sentenza marbuta ma' moħrija tat-tfal jew reati gravi oħrajn?
- Hemm min jgħid li amnestija taqta' qalb il-forzi tal-ordni li jkunu ħadmu biex qabdu lill-kriminali u raw li saret ġustizzja mal-vittmi tagħhom.
- Dawk li huma favur dan it-tip ta' amnestija jgħidu li l-amnestiji jinkoraġġixxu lill-priġunieri biex jirriformaw ruħhom għax jaraw li s-soċjetà qed taħseb fihom u tkun ħanina magħhom.
- L-aħħar amnestija qabel ta' Ġunju 2013 ingħatat fl-2000. Meta żaru Malta Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni fl-2001 u Papa Benedittu fl-2010 ma ngħatawx amnestiji, u lanqas meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropa fl-2004.

**IM22ok.13s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Dix-Xemx Li Tixwina

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2013 |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-Abbuż mill-Pilloli bħala Mediċina

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22ok.13s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-Drittijiet tal-Ħabsin

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | is-6 ta' SETTEMBRU 2013 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Mill-kliem għall-fatti hemm baħar jikkumbatti.
2. L-indifferenza.
3. Fis-soċjetajiet Ewropej, fosthom dik Maltija, l-anzjani dejjem jiżdiedu. Kemm taħseb li aħna ppreparati għal din il-bidla fundamentali li qed isseħħ? Xi spazju għandhom u jista' jkollhom l-anzjani fis-soċjetà kontemporanja?
4. L-adozzjoni u l-"fostering".
5. Triq imwarrba.
6. Il-biża' li tinqabad mingħajr "mobile".

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Taqbel li fejn jidħlu n-neoloġiżmi l-approvazzjoni tal-poplu hija tal-akbar importanza? Agħti eżempji ta' neoloġiżmi li daħlu fl-ilsien Malti u li qabdu sew u saru parti essenzjali minnu.
2. X'tifhem b'"morfoloġija" u "morfema"? Fisser tipi differenti ta' morfemi.
3. Ikkummenta dwar il-flessibilità u l-addattabilità tal-ilsien Malti fid-dawl ta' kif żviluppa tul iż-żminijiet.

*aqleb*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. X'tip ta' relazzjonijiet umani jittrattaw il-poeti Maltin? X'inhuma l-emozzjonijiet li jassoċjaw magħhom u kif iwassluhom permezz tal-poeżija?

2. Il-poeti jinterpretaw l-istorja u l-karatteristiċi ewlenin tal-poplu Malti skont iż-żmien u t-tradizzjoni letterarja li jiktbu fiha.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss.

*20 marka*

1. "Jiena bħalkom," jgħid Menz lill-kotra anonima mdawra miegħu fid-dramm ta' Francis Ebejer. "M'hemm l-ebda differenza bejnietna. Jien forsi xi ftit stramb, u xiħ daqs xi wħud fostkom ukoll. Tgħid ma naħsbux, ma noħolmux l-istess, jien u intom? Min jaf kemm ambizzjonijiet xorta, l-istess xorta ta' dwejjaq, minn kollox xorta!" Ikkummenta.

2. Fl-ewwel att ta' *Menz* ta' Francis Ebejer, Tereża tikkummenta dwar il-mod kif jgħixu n-nies tal-belt (u l-bnedmin inġenerali): "Kif aħna, qiegħda ngħid! Mill-bidu tal-jum sal-lejl, jum wara l-ieħor, kulħadd għaddej jgħaġġel mill-istess triq – arana naħbtu ma' xulxin, nirfsu lil xulxin, nimbuttaw, inwarrbu b'minkbejna, ngħajtu f'wiċċ xulxin. Bla waqfien ta' xejn. Kultant tixtieq issib xi trejqa oħra, ħalli tgħaddi minnha bla xkiel. Imma fejn ser issibha?" Din ir-riflessjoni ta' Tereża kemm jirnexxilha tinterpreta dak li jseħħ fid-dramm?

3. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jagħti impressjoni pjuttost negattiva tal-Maltin li jerġgħu lura Malta minn barra. Iddiskuti.

4. Is-Sur Kelin u Dun Karm fir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer, għandhom fehmiet profondament differenti dwar il-ħajja iżda t-tnejn jinfluwenzaw lil Leli. Ikkummenta.